**KUNSILL LOKALI MUNXAR**
Triq Profs Ġużè' Aquilina
Munxar MXR1012

**1.00 Laqgħa Numru 07/09(19_08_09).**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar l-Erbgħa, 19 t' Awwissu 2009, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Munxar.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fis-6.00 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.
Is-Sur Saviour Spiteri - Viċi-Sindku.
Is-Sur Mario Camilleri - Kunsillier.
Is-Sinjura Carmen Said - Kunsillier.
Is-Sur Patrick Grima – Kunsillier.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

1.04 Il-Kunsill segwa l-Aġenda li ntbagħtet fit-12 t' Awwissu 2009.

1. Minuti.
2. Korrispondenza.
3. Ilmenti.
4. Approvazzjoni tal-Kontijiet.
5. Attivita' Kulturali fil-Munxar.
6. Sejħa għall-Offerti provvista u twaħħil ta' apparat għall-*Playing Field*.
7. Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.
8. Rapport tas-Sindku.
9. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
10. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.
11. Materji oħra.

1.05 Il-Minuti tal-laqgħa preċidenti ttieħdu bħala moqrija u ġew iffirmati.

**2.00 Korrispondenza.**

2.01 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Avviż ta' Infurzar Nru: ECF 00763/09 li l-MEPA ħarġet lil sid ta' sit fi Sqaq Dun Mikiel Anġ. Spiteri, Munxar minħabba ksur tal-kontroll ta' l-ippjanar li jikkonsisti fi żvilupp mhux skont il-permess PA450/08 datat 19 ta' Diċembru 2008 u li jikkonsisti f' żidiet ta' kmamar fuq il-bejt u varjazzjonijiet fit-tqassim tal-bini.

2.02 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Uffiċjal Edukattiv – Edukazzjoni għall-Adulti, Direttorat għat-Tagħlim Tul il-Ħajja fi ħdan il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport rigward Korsijiet fil-Litteriżmu Bażiku (Malti, Ingliż, Somom u Xjenza).

2.03 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Malta EU Steering & Action Committee (M.E.U.S.A.C.) rigward ir-Roadshow 'L-Ewropa fil-Pjazza'.

2.04 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand id-Dipartiment ta' l-Anzjani u Kura fil-Komunita' rigward il-'Premju Anzjan tas-Sena 2009'.

2.05 Il-Kunsill irċieva Memo 46/2009 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Ftuħ tal-Uffiċini Amministrattivi tal-Kunsill nhar ta' Sibt'.

2.06 Il-Kunsill irċieva Memo 47/2009 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Inizjattiva Premju Lokalitajiet Indaf'.

2.07 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-President u s-Segretarju Eżekuttiv, Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward 'Laqgħa għall-Kunsillieri ta' Malta u Għawdex' li ser issir fil-5 ta' Settembru 2009, fid-Dolmen Hotel, Buġibba.

2.08 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Sur Brian Bartolo rigward il-Fun Day fix-Xlendi li ser tiġi organizzata mill-Kunsill Lokali Munxar u l-Kunsill Lokali Fontana.

2.09 Il-Kunsill irċieva mingħand id-Director Corporate Services, MEPA l-iStatement of Funds sa l-aħħar ta' Ġunju 2009 fir-rigward tal-fondi amministrati mill-MEPA.

2.10 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Applikazzjoni Nru. 02414/08 - *Sanctioning of corridor and kitchen as built, and proposed excavation of underground restaurant connected to existing underground tunnel* fi Triq San Xmun, Xlendi, Applikazzjoni Nru. 00500/09 - *To effect alterations and additions to existing building and sanction building as built* fi Triq ir-Rabat, Xlendi, Applikazzjoni Nru. 02170/09 - *To demolish existing building and erect flats and garages* fi Triq Żgħawri u Triq Dun Spir Gauci, Munxar, Applikazzjoni Nru. 03005/09 – *Proposed extra floor and penthouse* fi Triq ir-Rabat kantuniera ma' Triq il-Qroll, Xlendi u Applikazzjoni Nru. 03022/09 – *To demolish existing building and erect flats and garages* fi Triq il-Qsajjem kantuniera ma' Triq il-Kantra, Xlendi. Il-Kunsill ġie informat li kummenti/oġġezzjonijiet dwar l-applikazzjonijiet iridu jsiru bil-miktub kemm jista' jkun malajr.

2.11 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Onor. Dr. Chris Said, Segretarju Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni rigward il-Customer Care System - Training for Gozo Local Councils.

2.12 Il-Kunsill irċieva mingħand il-Contract Manager, Galea Curmi Engineering Consultants Ltd. il-Minuti tal-laqgħa tal-Kumitat Konġunt tad-Dwal tat-Toroq li saret fl-10 t' Awwissu 2009, fil-Kunsill Lokali Żebbuġ, Għawdex.

2.13 Il-Kunsill irċieva Memo 48/2009 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Fondi Speċjali'.

2.14 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Paying Agency, Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali dwar Missing Supporting Documents fl-applikazzjoni tal-Kunsill fir-rigward ta' Measure 313: Encouragement of Tourism Activities tar-Rural Development Plan 2007 - 2013.

2.15 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment, Gvern Lokali b' aktar informazzjoni rigward l-Inizjattiva Premju Lokalitajiet Indaf.

2.16 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Senior Manager, Territorial Cooperation Programmes, fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru rigward Information Seminar li ser isir fil-21 t' Awwissu 2009, fil-Ministeru għal Għawdex, Re: 1st call for project proposals under the European Neighbourhood and Partnership Instrument (ENPI) CBC MED Programme; Funding opportunities under Territorial Cooperation Programmes (2007 – 2013).

2.17 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-CrimeMalta rigward is-2nd Malta International Criminology Conference li ser tittella' mill-Institute of Criminology, Universita' ta' Malta, fil-15 u fis-16 t' Ottubru 2009, fil-Le Meridien, St Julian's Hotel & Spa, San Ġiljan.

**3.00 Ilmenti.**

3.01 Il-Kunsill irċieva kopja ta' ittra li persuna bagħtet lill-*Petitions Board* rigward ċitazzjoni li ngħata meta pparkja fuq *double yellow line* fix-Xlendi.

3.02 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand persuna li ngħatat ċitazzjoni meta kienet fil-Bajja tax-Xlendi. Din ingħatat ċitazzjoni minħabba li pparkjat il-vettura f' *area* riservata għall-*buses* 30 minuta qabel it-3 ta' filgħaxija.

3.03 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Surmast Direttur tal-Gozo Youth Band sabiex tagħti Kunċert fit-3 ta' Settembru 2009, fil-Bajja tax-Xlendi. Huwa qed jitlob is-somma ta' €1165. Il-Kunsill qed jara dan il-prezz għoli u għalhekk ġie deċiż sabiex isir kuntatt mal-Island Brass Band.

**4.00 Approvazzjoni tal-Kontijiet.**

4.01 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti numru 07/09(19_08_09).

**5.00 Attivita' Kulturali fil-Munxar.**

5.01 Wara li kienet saret sejħa mid-Dipartiment Gvern Lokali, l-Kunsill ser jingħata s-somma ta' €5,000 sabiex jorganizza attivita' fil-Munxar.
Ġie deċiż li din l-attivita' ssir fis-16, fis-17 u fit-18 t' Ottubru 2009. Il-Kunsill kien ser jibda jaħdem minnufih fuq din l-attivita'.

**6.00 Sejħa għall-Offerti provvista u twaħħil ta' apparat għall-*Playing Field*.**

6.01 Il-membri kollha tal-Kunsill inħatru membri tal-Kumitat ta' l-Għażla. Fid-19 ta' Ġunju 2009, il-Kunsill ippubblika avviż fil-Gazzetta tal-Gvern u fl-24 ta' Ġunju 2009, fil-Malta Independent fejn għamel sejħa għall-offerti għal provvista u twaħħil ta' Apparat għall-*Playing Field.* Din is-sejħa għall-offerti kienet maqsuma f' erba' partijiet:

L-ewwel parti – Outside Fitness Equipment.
It-tieni parti – Playing Field Equipment.
It-tielet parti – Safety Rubber.
Ir-raba' parti – Gazebo.

Id-data ta' l-għeluq ta' l-offerti kienet it-28 ta' Lulju 2009.

Il-Kunsill irċieva offerti mingħand dawn il-Kumpaniji:

1. OPAL (Outdoor Play and Leisure)
2. M-Quip
3. Joseph Attard
4. De Valier
5. JGC Ltd.
6. Mario Mallia

6.02 Il-Kunsill beda jevalwa l-offerti li rċieva għar-raba' parti – Gazebo. Kienu tlieta li taw offerta u l-orħos kienet ta' Joseph Attard. Għalhekk Joseph Attard rebaħ din l-offerta.

6.03 Il-Kunsill beda jevalwa l-offerti li rċieva għat-tielet parti – Safety Rubber. Il-Kunsill iddeċieda li l-ħxuna għandha tkun 45mm. Il-Kunsill għażel l-aktar żewġ *suppliers* bi prezz vantaġġjuż li huma JGC Ltd. u Mario Mallia.

Il-ħin kien it-8 ta' filgħaxija u ġie deċiż li l-laqgħa tiġi aġġornata sabiex titkompla fis-26 t' Awwissu 2009, fil-5.30 ta' filgħaxija bl-istess Aġenda.

Il-laqgħa tkompliet fis-26 t' Awwissu 2009, fil-5.30 ta' filgħaxija. Preżenti kien hemm; Is-Sur Joseph Sultana - Sindku, s-Sur Saviour Spiteri - Viċi-Sindku, s-Sur Mario Camilleri - Kunsillier, is-Sinjura Carmen Said – Kunsillier, is-Sur Patrick Grima - Kunsillier u s-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Il-Kunsill kompla jiddiskuti *item* 6 ta' l-Aġenda: Sejħa għall-Offerti provvista u twaħħil ta' apparat għall-*Playing Field*.

6.04 Il-Kunsill beda jevalwa l-offerti għat-tielet parti – *Playing Field Equipment* li tikkonsisti f' bandli, żewġ molol, *Merry Go Round* u *Multi Activity Play Centre*. Meta l-Kunsill beda jikkonsidra l-prezzijiet u l-ispeċifikazzjonijiet mitluba fis-sejħa għall-offerti, l-aktar tnejn vantaġġjużi huma JGC Ltd. u Mario Mallia.

6.05 Il-Kunsill beda jevalwa l-offerti għall-ewwel parti - *Outside Fitness Equipment*. L-aktar tliet offerti vantaġġjużi huma ta' De Valier, JGC Ltd. u Mario Mallia.

6.06 Il-Kunsill iddeċieda sabiex nhar it-Tlieta, 1 ta' Settembru 2009, fil-5.30 ta' filgħaxija jiltaqa' ma' JGC Ltd., Mario Mallia u De Valier sabiex jiġu mistoqsija dawn il-mistoqsijiet:

Int jew il-Kumpanija li tirrappreżenta kemm ilek/ilha f' dan ix-xogħol?
Il-kwalita' u *standards* tal-*equipment* huma konformi ma' l-i*standards* mitluba għall-*Playing Fields*?
L-*equipment* li offrejt jiġi inxurjat?
Hemm postijiet f' Malta li waħħalt - *Playhouses*? - Semmi.
Ta' xhiex huwa l-materjal li hija magħmula minnu l-*Playhouse*?
Hemm garanzija u għal kemm żmien fuq il-*Playhouse*?
Hemm postijiet f' Malta li waħħalt - *Swings*, *Springs* u *Merry Go Round*? - Semmi.
Ta' xhiex huwa l-materjal li huma magħmula minnu s-*Swings*?
Hemm garanzija u għal kemm żmien fuq is-*Swings*?
Is-*Swings* joqgħodu fl-*area* skont it-*tender* bi spazju adekwat?
Ta' xhiex huwa l-materjal li huma magħmula minnu s-*Springs*?
Hemm garanzija u għal kemm perjodu ta' żmien fuq is-*Springs*?
Ta' xhiex huwa l-materjal li hija magħmula minnu l-*Merry Go Round*?
Hemm garanzija u għal kemm żmien fuq il-*Merry Go Round*?
Il-*Playhouse*, s-*Springs* u l-*Merry Go Round* joqgħodu fl-*area* skont it-*tender* bi spazju adekwat?
Hemm postijiet f' Malta li waħħalt - *Outside Gym Equipment*? - Semmi.
Ta' xhiex huwa l-materjal li huwa magħmul minnu l-*Outside Gym Equipment*?
L-*Outside Gym Equipment* li għandek fuq it-*tender* huwa addattat għal barra u għall-klima tagħna?
Hemm garanzija u għal kemm perjodu ta' żmien fuq l-*Outside Gym Equipment*?
L-*Outside Gym Equipment* joqgħod fl-*area* skont it-*tender* bi spazju adekwat?
L-*equipment* li offrejt jeħel bil-*bolts* jew jinżel fil-konkrit, jekk bil-*bolts* għandu l-istess garanzija?
Semmi postijiet fejn waħħalt *Safety Rubber*? - Semmi.
Kemm għandu garanzija s-*Safety Rubber*?
Is-*Safety Rubber* għandu garanzija li ma jixrinkjax, jintrefa' jew jitlef il-kulur?
Tippreferi li twaħħal kollox int, jiġifieri l-*equipment* u t-tapit jew ma tagħmilx differenza?
Jekk għal xi raġuni l-Kumpanija tiegħek tagħlaq fi żmien tal-garanzija aħna lil min nafu?
Kommess li timxi mal-*work plan* li ppreżentajt?

**7.00 Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.**

7.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li bħalissa qed isir *maintenance* ta' tabelli tat-toroq, żebgħa fit-toroq u qed jitkompla x-xogħol ta' tpoġġija ta' madum fil-*Playing Field*.

**8.00 Rapport tas-Sindku.**

8.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li t-Torri tax-Xlendi ġie mgħoddi f' idejn il-Kunsill u Din l-Art Ħelwa sabiex ikun amministrat flimkien. Issa jmiss li jsiru laqgħat ma' Din l-Art Ħelwa sabiex jitfassal ftehim ta' kif ser jitmexxa dan il-lokal.

8.02 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-Kunsill Lokali Munxar u Fontana ma aċċettawx il-proposta tar-Rettur tal-Knisja tax-Xlendi sabiex il-*Fun Day* li saret fit-22 t' Awwissu 2009 titħassar. Ir-Rettur qal li qed jiġi kkonsidrat li l-Ġostra li kellha ssir fis-6 ta' Settembru 2009 titħassar. Is-Sindku qal li rċieva diversi talbiet sabiex il-logħob tal-baħar isir mill-Kunsill. Il-Kunsill qabel li m'għandux jorganizza logħob tal-baħar fil-ġimgħa tal-Festa għaliex sa llum dejjem kienu organizzati mill-Kumitat tal-Festa.

8.03 Is-Sindku informa lill-Kunsill li Uffiċjali mill-Environmental Initiatives in Partnership Programme (E.I.P.P.) fi ħdan il-MEPA żaru l-Mitħna Sotterranja tax-Xlendi sabiex jispezzjonaw ix-xogħlijiet ta' restawr li saru dan l-aħħar. Huma qed jitolbu lista dettaljata dwar xogħlijiet li tħallsu mill-Kunsill u lista oħra ta' xogħlijiet li ser jitħallsu mill-E.I.P.P. Huma qed jitolbu *time frame* ta' meta x-xogħol ikun lest kollu.

**9.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

9.01 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li għalkemm Uffiċjali mill-Environmental Initiatives in Partnership Programme (E.I.P.P.) - MEPA diġa' għamlu it-tieni spezzjoni fuq ix-xogħlijiet li saru fil-Mitħna Sotterranja tax-Xlendi, l-kontijiet pendenti għadhom ma tħallsux. Pendenti hemm erba' *invoices* li jammontaw għal €31,634. Huwa qed jirrakkomanda lill-Kunsill li għalissa aħjar li l-Kunsill jitlob li jitħallsu l-kontijiet pendenti u wara jsiru diskussjonijiet ta' kif għandhom jitkomplew ix-xogħlijiet. Sadanittant it-tiswija fuq il-magna għadha għaddejja.

9.02 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li tliet *mechanics* minn Malta kienu ġew ikkuntratjati xi sentejn ilu minn Uffiċjal tal-Environmental Initiatives in Partnership Programme (E.I.P.P.) - MEPA sabiex joħorġu rapport u stima tax-xogħlijiet li hemm bżonn. Issa huma qed jitolbu ħlas mill-Kunsill u dan qed jirrifjuta peress li huma kellhom jitħallsu direttament mill-E.I.P.P. Għaldaqstant huma ngħataw struzzjonijiet sabiex jikkuntattjaw lill-E.I.P.P. direttament.

9.03 Is-Segretarju Eżekuttiv ikkuntattja lir-Rettur tax-Xlendi sabiex jinformah li l-Kunsill qed jippjana li jagħmel Kunċert mill-Island Brass Band fit-3 ta' Settembru 2009. Huwa xtaq jinforma lill-Kunsill li ma jridx li jsir dan il-Kunċert.

**10.00 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.**

10.01 Is-Sinjura Carmen Said qed titlob li jsir *parking* riservat għal persuna ħandikappata fi Triq ir-Rabat, Xlendi. Is-Segretarju Eżekuttiv informaha li din il-persuna trid timla applikazzjoni u tibgħatha lill-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b' Diżabilita' (K.N.P.D.). Din tista' ġġib applikazzjoni mill-Kunsill.

Hija ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill rigward is-sinjal li kien sar f' nofs tat-triq fi Triq Ras il-Bajjada qed jitħassar u għalhekk jixraq li dan jerġa' jinżebah.

10.02 Is-Sur Mario Camilleri fakkar lill-Kunsill li minn meta saret il-bankina quddiem id-dar tiegħu qed jidħol l-ilma. Il-Kunsill kien ser jgħid lill-Kuntrattur sabiex jirranġa fejn meħtieġ.

Il-ħin kien is-7.30 ta' filgħaxija u s-Sur Patrick Grima talab sabiex ikun skużat u ħareġ mil-laqgħa.

**11.00 Materji oħra.**

11.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-Inġinier ta' l-Enemalta Corporation ġibdetilna l-attenzjoni għaliex jekk tinqala' emerġenza u jkun hemm karozzi jew dgħajjes quddiem is-*sub-station* ta' l-Enemalta ma jkunux jistgħu jaħdmu. Għalhekk il-Kunsill kien ser jitlob lill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta biex isir *double yellow line* quddiem is-*sub-station*. Kellu wkoll żewġ talbiet sabiex isiru *double yellow line* fi Triq il-Qroll, Xlendi u Triq iż-Żirżieb, Xlendi.

11.02 Is-Sindku informa lill-Kunsill li s-Sur Mark Borg qed jitlob sabiex rampa li għandu qrib il-Għajn Tuta tinkesa bil-*concrete*.

11.03 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-passaġġ fi Triq San Pawl li s-Sur Raymond Xerri talab li jsir bil-*concrete* ser jieħu madwar 16-il jarda *concrete*.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.00 ta' filgħaxija u ġie miftiehem li laqgħa oħra ssir nhar l-Erbgħa, 30 ta' Settembru 2009, fil-5.30 ta' filgħaxija.

**Joseph Sultana**
***Sindku.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***